


# PATRI ALBERT BORG OSA
# Mitt sena mit-twelid tiegħu

*Kitba Peter paul Ciantar*

Fil-karriera tiegħi fil-qasam tax-xandir f'pajjiżna, iltqajt ma' diversi personaġġi importanti, l-aktar fil-qasam tal-mużika, iżda b'dispjaċir kbir ngħid li qatt ma ltqajt personalment ma' Patri Albert Borg, Agostinjan, li jiena kelli kull rispett lejh. Ma ltqajtx għax ma ġietx l-okkażjoni, iżda darba minnhom, niftakar sewwa, kien ċempilli biex jirringrazzjani talli esegwejt f'xi programm (aktarx fi 'Siesta') xi mużika tiegħu. Ngħidilkom il-verità din it-telefonata bqajt niftakarha sewwa. Ma tantx kelli telefonati bħal dawn.



Jiena kont nisma' ħafna dwar Patri Borg, magħruf bħala Patri Bert, l-aktar minn saċerdoti li għandhom l-età tiegħi (sittin u aktar). Kollha jgħiduli li Patri Bert kien jgħallimhom il-mużika fis-Seminarju darba fil-ġimgħa. F'dawk iż-żminijiet, is-Seminaristi kienu jitgħallmu l-kant uffiċjali tal-Knisja ... il-Gregorjan, u Patri Bert kien risponsabbli minn dan.

Darba niftakar sewwa lil Dun Nikol Aquilina (saċerdot ta' din il-parroċċa tas-Siġġiewi ) jgħidli li meta kien fis-Seminarju, Patri Albert Borg kieni jiġi jgħallimhom l-innijiet bil-Malti biex jitkantaw fil-partijiet ewlenin tal-quddiesa . Dun Nikol qalli wkoll li kien f'dak iż-żmien li huwa kiteb il-versi ta' l-innu ta' l-egħluq : O Mulej nagħtuk kull ġieħ --- biex jitkanata fi tmiem il-quddiesa .

Patri Bert beda l-istudju mużikali tiegħu f'Malta. Huwa kompla jistudja Ruma u hemm għadda tliet snin jistudja fil-'Pontificio Istituto di Musica Sacra'. Fost l-għalliema tiegħu kien hemm il-famuż kompożitur Taljan Mons. Licinio Refice li fis-sena 1935 kien ġie Malta u dderieġa l-Banda La Valette. Tajjeb ukoll li hawn wieħed isemmi li fl-1953, Patri Bert idderieġa l-Opra 'Santa Cecilia' ta' dan Refice li kienet saret fir-'Radio City Opera House', il-Ħamrun.

Meta Patri Bert ġie lura Malta minn Ruma, sab ma' wiċċu l-ewwel impenn mużikali kbir tiegħu ... Il-Ġublew tal-



Fidda tal-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Gonzi fl-1949. F'dawk l-istess żminijiet, Patri Bert inħatar ukoll 'Maestro di Cappella' tal-Knisja Santu Wistin tal-Belt Valletta. Dam sal-2002, jiġifieri sa ma kellu 82 sena. Hawn insemmi li Patri Bert (Francesco l-isem li ngħata fil-magħmudija) twieled il-Belt fis-sena 1919 - mitt sena ilu, u biex inkun preċiż fl-1 ta' Mejju - u miet ta' 92 sena.

## Organista

l-karriera mużikali ta' Patri Bert (li kien ukoll organista) tinqasam f'diversi oqsma. Nibda bis-sehem tiegħu ta' 'Maestro di Cappella'. Barra li kien tal-Knisja Santu Wistin, il-Belt (fil-kunvent tal-knisja fejn qatta' l-parti kbira minn ħajtu), kien ukoll 'Maestro di Cappella' tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja



f'Ħaż-Żabbar. Kien ukoll tal-Kolleġġjata Sant'Elena f'Birkirkara. Kien ukoll għal diversi snin 'Maestro di Cappella' tal-Knejjes ta' Ħal Tarxien u Ħal Luqa. Insemmu wkoll li wara l-mewt ts-Surmast Carlo Diacono, l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi ħatar lil Patri Bert 'Maestro di Cappella' tal-Katidral. Fil-fatt, Patri (Mro.) Bert kien 'Maestro di Cappella' Metropolitan. Dan ifisser li kien 'Maestro di Cappella' taż-żewġ katidrali ta' Malta (kif ukoll ta' San Ġwann). Din ta' 'Maestro di Cappella' Metropolitan bdiet minn żmien il-Franċiżi f'Malta (1798 - 1800).

Jiena nammira ħafna lil Patri Bert fil-ħidma kbira li wettaq bi prudenza kbira fi ħdan il-Kummissjoni Liturġika mwaqqfa wara l-Konċilju Vatikan II. Huwa ħadem bla heda biex joħloq patrimonju ġdid ta' innijiet bil-Malti addattati għal-Liturġija ta' wara l-Konċilju. Fil-lista sabiħa ta' xogħlijiet tiegħu f'dan il-qasam insibu quddiesa sabiħa ħafna tal-Mejtin ... quddiesa sempliċi u effettiva. Ikkompona wkoll diversi innijiet bil-Malti addattati għal-Liturġija ta' wara l-Konċilju. L-innijiet tiegħu xprunaw kompożituri oħra Maltin li għannew il-patrimonju liturġiku-mużikali ta' dawn il-gżejjer.

## Innijiet sagri

Jiena dejjem inqis lil Patri Albert Borg bħala kontinwazzjoni tal-innijiet sagri sbieħ li kkompona Ġużeppi Caruana. Patri Borg kważi dejjem ikkompona l-innijiet popolari tiegħu fuq il-versi tal-poeta Oliver Friggieri. Patri Borg ikkompona għal kull okkażjoni. Għal Żmien l-Avvent għandu 'Fik it-Tama' u 'Ejja Fostna'; għall-Milied għandu 'Twieled il-Messija'; għar-Randan 'Ftakar Fina' u 'Ħenn Għalina'; għall-Għid il-Kbir 'Ħares lejn, Mulej' u 'Bl-ikbar Hena'; u aktar. Dawn huma kollha fuq versi ta' Oliver Friggieri.

Patri Bert għandu wkoll innijiet oħrajn, bħal 'B'Qalbna Safja', fuq versi ta' Dun Frans Camilleri, filwaqt li għat-Tqarbin ikkompona 'Fejn issib l-Imħabba' u 'Jiena Nadurak bil-Qima'. Kollha huma innijiet sbieħ, sempliċi (li l-pubbliku mill-ewwel jidra u jkanta) u sagri.

Peress li Patri Bert kien 'Maestro di Cappella', ikkompona ħafna mużika biex ikollu xi jdoqq. Ikkompona wkoll erba' Oratorji u Kwartett tal-Korda li bih rebaħ l-ewwel premju tas-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ. Naturalment, ikkompona aktar minn hekk għax f'ħajtu ta importanza kbira lill-mużika.

Patri Bert kien jieħu ħsieb l-arkivji mużikali li jħaddan l-Ordni Agostinjan ... u fuq kollox għamel xogħol kbir: ġabar kemm seta' l-mużika ta' Paolino Vassallo, fosthom anke l-opri ta' dan il-kompożitur importanti minn Bormla. Hawn wieħed irid iżomm f'moħħu li Patri Bert studja l-pjanu għand is-Sinjura Biċe Mizzi Vassallo, il-mara ta' Nerik Mizzi u li kienet bint il-Kompożitur Paolino Vassallo. Huwa studja wkoll f'Malta ma' Joseph Abela Scolaro u Carmelo Pace.

Naturalment, din il-ħidma kbira li semmejt dwar Patri Albert Borg hija marbuta biss mal-mużika ... iżda Patri Bert kien ukoll iben denn ta' Santu Wistin. Kien Pirjol tal-Kunvent tal-Belt Valletta; ħadem ħafna biex jorganizza r-reġistri tal-kunvent; u aktar.

Huwa miet fl-10 ta' Frar, 2012, Festa tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl, b'ħidma ta' kważi 70 sena fl-għalqa tal-Mulej.